MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2008

Numru. 339/2004

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Neil Harrison)**

**Versus**

**Robert Attard**

Il-Qorti

1. Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Robert Attard ta' 20 sena, iben George u Maria Rosaria nee Richmond imwieled Pieta' fil-15 ta' Novembru 1983 u residenti fil-fond numru 9, Qalb ta' Ġesu', Saura Street Marsa u detentur tal-karta tal-identita' numru 586783 (M)

Akkużat talli f'dawn il-Gżejjer fit-23 ta' Marzu 2003 u matul l-aħħar xhur qabel din id-data

a) biegħ jew xort'oħra ttraffika fir-raż meħuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża ;

b) kellu wkoll fil-pussess tiegħu r-raża meħuda mill-pjanta cannabis bi ksur tal-artikolu 8(a) tal-kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

ċ) kellu wkoll fil-pussess tiegħu l-pjanta cannabis kollha jew biċċha minnha bi ksur tal-artikolu 8(d) tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

2. Rat l-atti kollha tal-proċess inklużi l-ordni tal-Avukat Ġenerali tal-25 t'April, 2003, iċ-ċertifikat tat-twelid tal-imputat li jġib in-numru 5867 tal-1983, il-fedina penali tal-imptutat, u r-rapport imħejji mill-Ispiżjar Mario Mifsud.

3. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

4. Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli difensur.

Ikkonsidrat

5. Il-Prosekutur xehed li kienet saret tfittxija fid-dar tal-imputat u ma nstab xejn. Fil-karozza Peugeot 306 ħadra bin-numru tar-reġistrazzjoni AAR-154, li kienet tappartjeni lill-imputat, kienu nstabu xi ftit traċċi ta' weraq tal-cannabis.

**L-Istqarrija tal-Imputat**

6. Fl-istqarrija tiegħu (fol.10) magħmula fit-23 ta' Marzu 2003, l-imputat qal li hu qatt ma kien pejjep cannabis bħala grass għax dejjem kien pejjipha bħala blokka. Huwa kien ilu jpejippha għal dawn l-aħħar xahrejn. Huwa qal ukoll li meta jmur jixtri blokka għalih, ujkun hemm xi ħadd ieħor irid, hu jien jixtrilu. (Fol. 11 versi 15-16).

Huwa kompla jgħid hekk:

***'Meta nkun sejjer nixtri l-blokka għalija u nkun naf li ħaddieħro ikun ukoll irid jixtri għalih, jew l-ewwel jagħtuni l-flus, imbagħad nixtrilhom u wara nagħtihom il-blokka, jew inkella l-ewwel nixrrilhom il-blokka (raża tal-cannabis) u jħallsuni meta nagħtihom.'*** (fol.11)

U

***'Nikkalkula wkoll li għalihom xtrajt f'xi 15 jew 20 okkażjoni kull darba li kont immur nixtri għalija. Kważi kull darba li kont nixtri għalija kont nixtri għal ħadd ieħor.'*** (fol.11)

Huwa kien mistoqsi dwar messaġġ li kellu fuq il-mobile tiegħu. Dan kien ta' ċertu Pippo u li ried jixtri xi biċċa raża tal-cannabis ta' Lm20 jew Lm30.

Kien hemm messaġġ ieħor fejn persuna oħra kienet qed titlob li l-imputat iġibilha r-raża tal-cannabis.

Messaġġ ieħor kien juri li xi persuna kienet qed tistaqsi lill-imputat x'kien fadallu l-Għarbi – minn għand min kien jixtri l-imputat – għax din il-persuna riedet tixtri b'Lm500.

Skond l-istqarrija l-imputat kien ċċekkja mal-Għarbi u dan wieġbu li hu (l-Għarbi) kellu b'Lm500 raża tal-cannabis. Huwa nzerta kien ħdejn l-Għarbi u ċċekkja miegħu.

7. Xehed ukoll PS 536 Jason Caruana li qal li kien elevat mobile phone mill-kamra tal-banju u li kienu sabu frak tal-cannabis fil-vettura AAR 154.

8. PC 579 Antoine Micallef xehed li kienu elevaw frak suspettat li huwa tal-cannabis mill-karozza AAR 154 li kienet misjuqa mill-imputat. Fit-tfittxija kien preżenti l-imputat. Dawn instabu fuq is-seat ta' quddiem. Huwa għaraf ukoll il-mobile li kien elevate mill-kamra tal-banju tad-dar.

9. PC 10 Trevor Cassar Mallia xehed ukoll dwar it-tfittxija u qal li ntasbu traċċi minn gol-karozza suspettati cannabis.

10. L-Ispiżjar Mario Mifsud irrelata u xehed li għalkemm fil-farka ħadra li kien hemm fid-dokument 04 ADS 02 kienu nnutati t-trichomes li jkun hemm fuq il-werqa tal-cannabis, l-analiżi għas-sustanza THC, is-sustanza li tinsab fil-pjanta tal-cannabis u li hija kkontrollata bil-Liġi, ir-riżultati kollha kienu fin-negattiv.

**Il-Prosekuzzjoni għalqet il-provi tagħha fid-9 ta' Diċembru 2004.**

**Xhieda Difiża**

11. L-imputat xehed fl-14 ta' Ġunju 2005. Huwa qal li kien ipejjep il-cannabis mal-ħbieb. Ġieli kien imur jixtri l-imputat u ġieli kienu jixtru huma. (Fol.36).

12. Inqratlu wkoll l-istqarrija li kien għamel. Dwar il-messaġġ minn għand Pippo l-imputat qal li dan kien ħabib tiegħu li kienu jpejpu filgħaxija flimkien. Dwar telefonata oħra huwa qal li lil din il-persuna ma tantx kien jafha iżda ġieli kienet tmur tpejjep magħhom. Peress li kien sejjer jixtri hu dak in-nhar kienet bagħtitlu messaġġ. (fol.41).

13. Dwar id-deal tal-Lm500 l-imputat qal li ma kienx iċċekkja mal-Għarbi. Huwa kompla hekk:

***'Qbadt u għidltu li għandu biex mal-persuna l-oħra li kienet staqsietni jaqbad u jmur u jagħmel id-deal hu.'***

14. Lill-Pulizija kien qalilhom li ċċekkja għax beża' li ma jemmnuhx. (Fol.42).

15. L-imputat baqa' jinsisti li hu kien iġib għall-ħbieb biss.

16. Xehdet omm l-imputat Maria Rosaria Attard li qalet li binha kien spiċa bla xogħol wara dan il-każ. Huwa kien dejjem joħroġ m'ommu u kien jgħidilha li ħajtu kienet spiċċat.

17. Xehdet ukoll Mariella Camilleri, l-Probation Officer li qalet li l-imputat kellu problema tad-droga iżda li kien għamel progress kbir. (Fol54). L-imputat għandu ħafna appoġġ mill-familja. Kienu saru kuntatti mal-Aġenzija Sedqa li għadhom jinżammu sal-lum.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

18. Il-prova ewlenija li ġabet il-Prosekuzzjoni kienet l-istqarrija tal-imputat. Minn eżami akkurat ta’ din l-istqarrija jirriżulta bl-aktar mod ċar li l-imputat xtara għal ħadd ieħor bejn 15 u 20 okkażjoni.

19. Jidher ukoll li xtara għal xi ħadd ma kienx jaf għax fil-fatt huwa qal:

***‘Dina li bagħtitli l-messaġġ ftit nafha.’ (Fol.12)***

20. Huwa qal li kien iċċekkja mal-Għarbi dwar talba ta’ Lm500 cannabis.

21. Fix-xhieda tiegħu l-imputat daħħal xi bdil:

(a) Xehed li daqqa kien jixtri hu u daqqu kienu jixtru l-oħrajn.
(b) Xehed li dik li ma tantx kien jafha kienet tmur iżda ġieli kienet tmur tpejjep magħhom.
(ċ) Fuq it-talba ta’ Lm500 huwa qal li beża’ li l-Pulizija ma kinux sejrin jemmnuh u allura bil-ġurament qal li lill-persuna li staqsiet għad-droga kien qal li l-Għarbi kellu biex din il-persuna taqbad u tmur tagħmel id-deal hi.

21. Bir-rispett kollu l-Qorti mkien ma sabet fl-istqarrija li l-imputat daqqa kien jixtri hu u daqqa kienu jixtru l-oħrajn. Il-Qorti temmen l-istqarrija meħuda a tempo vergine u fejn jidher b’mod l-aktar ċar il-protagoniżmu tal-imputat. Hu stess qal li kien xtara bejn 15 u għoxrin darba.

22. Barra dan fuq il-mobile it-tliet messaġġi li nqraw kienu kollha talbiet biex **huwa** jissuplixxi għal ħadd ieħor u ma kien hemm **ebda** talba tiegħu biex ħadd ieħor iġib il-cannabis lilu.

23. Il-Qorti lanqas m'hi konvinta dwar kif ipprova jbiddel il-verżjoni dwar it-talba għal Lm500 cannabis. Jidher li l-imputat ma kellux spjega konvinċenti u pprova jeħles minn din il-parti tal-istqarrija billi jgħid li l-persuna l-oħra kienet taqbad u tmur tagħmel id-deal hi. L-imputat kien qed jiffaċċja parti mill-istqarrija ferm imbarazzanti għax dawn il-vrus a fol.12 juru li l-imputat kien lest li jgħin biex ħadd ieħor jottjeni ammont ta' kannabis konsiderevoli u mhux 'xi ftit biex jitpejjep bejn il-ħbieb' kif ipprova jagħti wieħed x'jifhem. U lanqas dan m'hu permess mil-Liġi la kief kienet qabel u lanqas kif saret wara l-emendi tas-sena 2006.

24. Il-Qorti ma ssibx li l-imputat huwa attendibbli meta xehed li l-oħrajn kienu jġibu għalih meta lanqas hemm l-iċken ħjiel dwar dan fl-istqarrija.

25. Lanqas jekk l-imputat ma qalax flus xorta kien qed iġib id-droga għal sħabu u għalhekk kien qed jittraffika.

26. Lanqas jekk għal min talbu għal Lm500 huwa indikalu li l-Għarbi kellu sabiex, skond l-imputat, din il-persuna taqbad u tmur tixtri flok ma jġib id-dorga l-imputat – xorta kien jittraffika għax qed jagħti informazzjoni minn fejn setgħet tinġieb id-droga. (Ara l-artikolu 22(1B) tal-Kap 101).

27. Id-difiża ssottomettiet li dan kien każ ta' 'sharing'. Il-Qorti ma taqbilx ma' dan l-argument. Imkien ma nsibu fil-proviso li daħal bl-Att XVI tal-2006 li wieħed jista' joqgħod iġib id-droga għall-ħbieb repetutament u dan ikun qed jixxerja ma' ħadd ieħor. Anzi l-proviso huwa magħluq ħafna u japplika biss f'sitwazzjonijiet limitatissmi. Biżżejjed wieħed jaqra bil-mod x'jgħid dan il-proviso biex wieħed jinduna kemm il-Leġislatur bl-ebda mod ma fetaħ xi triq għal xi interpetazzjoni wiesgħa. Il-Każ deċiż mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri) mill-Prim Imħallef fl-ismijiet 'Il-Pulizija versus Marco Galea' juri kemm dan il-proviso huwa ntiż għal xi affarijiet ta' darba u ta' dak il-ħin. Żgur mhux intiż biex wieħed jieħu ħsieb jissoddisfa t-

talbiet tal-ħbieb, jiġbor il-flus u jforni, kemm jekk jaqla’ u kemm jekk ma jaqlax flus.

28. Fil-każ ċitat il-Qorti tal-Appell Kriminali kienet qalet hekk:

‘L-ewwel *proviso* ghal dan is-subartikolu gie introdott, kif tajjeb osservat l-ewwel qorti fis-sentenza appellata, bl-Att XVI ta’ l-2006, u
jipprovdi hekk:

**“Izda meta, dwar xi reat imsemmi f’dan is-subartikolu, wara li jitqiesu c-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz l-ammont**
**u x-xorta tal-medicina in kwistjoni, ix-xorta ta’ persuna involuta, l-ghadd u n-natura ta’ kull kundanna li l-persuna kellha qabel, inkluzi kundanni li dwarhom tkun saret ordni taht l-Att dwar il-*Probation*,**
**il-Qorti tkun tal-fehma li l-hati kien bi hsiebu jikkonsma l-medicina f’dak l-istess post flimkien ma’ ohrajn, il-Qorti tista’ tiddeciedi li ma tapplikax id-disposizzjonijiet ta’ dan is-subartikolu…”**

Huwa evidenti mid-dicitura tal-ligi li, apparti konsiderazzjonijiet ohra li l-qorti ghandha tizen sew qabel ma tapplika dan l-ewwel *proviso* (fosthom l-ammont u xxorta ta’ medicina involuta, ecc), trid tkun tirrikorri wkoll sitwazzjoni partikolari fejn id-droga tkun ser tigi, jew tkun giet, ikkunsmata (i) fl-istess post u (ii) minn min ikun qed jipprovdiha flimkien ma’ ghall-anqas persuna ohra. Il-kliem “flimkien” u “fl-istess post” jissottolineaw l-element ta’ komunanza – dak li aktar popolarment jissejjah “sharing”– jigifieri li dak li jkollu id-droga intiza għalih jiddeciedi li jaqsamha ma’ ħaddiehor f’dak l-istess waqt li jkun qed jikkunsmaha huwa stess. Kif inhu risaput, fil-ligi taghna min joffri d-droga, li jkollu ghall-uzu tieghu, lil haddiehor – cioe` jaqsamha ma’ haddiehor – ikun qieghed jipprovdi (“supply” fit-test ingliz) dik id-droga ghall-finijiet tad-definizzjoni ta’ traffikar (Art. 22(1B)), u, per konsegwenza, ikun qed jitraffika dik id-droga. Dak li l-legislatur ried kien li meta jkollok kazijiet zghar u izolati ta’ “sharing” – persuna jkollha d-doga ghaliha u taqsamha ma’ haddiehor – tkun

tista’ (izda mhux bilfors – ghalhekk iridu jitqiesu ccirkostanzi kollha tal-kaz) tigi evitata, ghall-anqas ghall-ewwel darba, il-piena mandatorja ta’ prigunerija b’effett immedjat.’ (5 ta’ Mejju 2008).

29. Il-Qorti fliet kemm-il darba l-istqarrija tal-imputat u mkien ma sabet dan l-element ta’ komunanza. Aktar u aktar meta l-imputat irrepeta l-azzjoni tiegħu u ***multo magis*** meta saħanistra ta informazzjoni fuq talba ta’ Lm500 cannabis. Din tal-aħħar żgur ma jkoprihiex il-proviso imsemmi. L-irtokki li saru fix-xhieda minn fuq il-pedana mhumiex attendibbli. L-imputat kien intermedjarju bejn min kellu ħażna sew ta’ cannabis u l-persuni l-oħra (mhux bilfors ħbieb) li l-imputat kien iforniehom bil-cannabis.

30. Għalhekk il-Qorti qed tiddeċiedi li l-Prosekuzzjoni ippruvat kemm l-ewwel kif ukoll it-tieni imputazzjoni b’dan pero’ li t-tieni imputazzjoni hija assorbita ai fini tal-artikolu 17(h) tal-Kap 9.

31. Il-Prosekuzzjoni ma ppruvatx it-tielet imputazzjoni u dan jidher mir-riżultati forensiċi.

32. Id-difiża ssottomettiet li l-imputat għen lill-Pulizija. Il-Qorti m’għandha ebda dikjarazzjoni minn għand il-Prosekuzzjoni li l-imputat għen lill-Pulizija. Barra dan id-dettalji mogħtija fl-istqarrija – tliet versi ‘ma nafx fejn noqgħod, ma naf xejn fuqu. Biex niltaqa’ miegħu ngħaddi mix-xatt tal-Belt, fejn il-mużew tal-Gwerra u jekk ikun hemm jaqdini.’ Bir-rispett kollu din mhix għajnuna li twassal li wieħed jibbenefika mill-Artikolu 29. Anzi sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri) saħansitra tgħid li mhux biżżejjed li wieħed jixhed kontra l-imputat biex jibbenefika minn dan l-artikolu. **<u>Irid ikun wassal tassew lill-Pulizija biex jaqbdu lill-ispaċċjatur.</u>**

**<u>33. Il-benifiċċju tal-artikolu 29 m’għandux jingħata mingħajr raġuni vera. Inkella dak li kien kontemplat biex jgħin ħa jitrażżan it-tixrid tad-droga jitlef is-sens tiegħu. Barra dan ma nkunux qed inkunu ġusti ma’</u>**

**<u>dawk li tassew jgħinu lill-Pulizija kull tant b'riskju sew għal ħajjithom.</u>**
**<u>Konklużjoni.</u>**

**Konklużjoni**

34. Il-Qorti, wara li rat l-artikoli 17(h) tal-Kap 9, l-artikoli 8(a), 8(d), 22(1)(a), 22(1)(b)(i)(ii) u 22(1B) tal-Kap 101 issib lill-imputat ħati tal-ewwel u tat-tieni imputazzjoni b'dan pero' li din l-imputazzjoni hija assorbita fl-ewwel waħda waqt li qed tilliberah mit-tielet imputazzjoni.

35. Dwar il-piena l-Qorti qed tqis dawn l-elementi:

(a) Il-fedina penali nadifa tal-imputat.
(b) Il-progress kbir li għamel skond ir-rapport tal-Probation Officer.

36, Min-naħa l-oħra l-Qorti ma tistax tinjora l-fatt li l-imputat issuplixxa d-droga **diversi drabi** kif ukoll li ċċekkja jekk **ammont konsiderevoli** kienx għall-bejgħ.

37. Għaldaqstant il-Qorti qed tikkundanna lill-imputat għal sittax-il xahar priġunerija u għall-ħlas ta' multa ta' €700 liema multa tista' titħallas bir-rata ta' €50 fix-xahar bl-ewwel pagament isir fi żmien erba' ġimgħat mil-lum. Jekk xi pagament ma jitħallasx, il-bilanċ jitħallas f'daqqa u jekk xi parti mill-multa ma titħallasx, din tinbidel f'jum priġunerija għal kull €11.65 li ma jitħallsux.

Il-Qorti mhix tapplika l-artikolu 533 minħabba li l-analiżi tal-Ispiżjar Mario Mifsud kienet negattiva. Din l-analiżi saret b'konnessjoni mat-tielet imputazzjoni u l-Qorti lliberat lill-imputat mit-tielet imputazzjoni.

Għal kull buon fini, jekk fadal xi traċċi, il-Qorti qed tordna li dawn jkunu distrutti taħt is-sorveljanza tar-Reġistratur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------